



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 13.10.2021
COM(2021) 631 final

2021/0325 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL

li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2018/1994 li tawtorizza lill-Kroazja biex iddaħħal miżura speċjali ta' deroga mill-punt (a) tal-Artikolu 26(1) u l-Artikolu 168 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

Skont l-Artikolu 395(1) tad-Direttiva 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud¹ (minn issa 'l quddiem "id-Direttiva tal-VAT"), il-Kunsill, filwaqt li jaġixxi b'mod unanimu fuq proposta tal-Kummissjoni, jista' jawtorizza lil kwalunkwe Stat Membru japplika miżuri speċjali għal deroga mid-dispożizzjonijiet ta' dik id-Direttiva sabiex jissimplifika l-proċedura tal-ġbir tal-VAT jew biex jipprevjenu ċerti forum ta' evażjoni jew ta' evitar tat-taxxa.

Permezz ta' ittra rreġistrata mal-Kummissjoni fit-31 ta' Marzu 2021, il-Kroazja talbet estensjoni tad-deroga mill-Artikolu 26(1), il-punt (a), u l-Artikolu 168 tad-Direttiva tal-VAT sabiex tkompli tillimita d-dritt għat-tnaqqis tal-VAT tal-input fuq ix-xiri u l-kiri ta' karozzi tal-passiġġieri, inkluż ix-xiri tal-merkanzija u s-servizzi kollha pprovduti fir-rigward tagħhom. Flimkien mat-talba għal estensjoni, il-Kroazja ressqet rapport li jinkludi rieżami tal-perċentwal previst għal-limitazzjoni tad-dritt għal tnaqqis.

F'konformità mal-Artikolu 395(2) tad-Direttiva tal-VAT, il-Kummissjoni infurmat lill-Istati Membri l-oħra bit-talba tal-Kroazja, permezz ta' ittra tat-22 ta' April 2021. B'ittra datata it-23 ta' April 2021, il-Kummissjoni nnotifikat lill-Kroazja li hija kellha t-tagħrif kollu meqjus minnha bħala meħtieġ sabiex tivvaluta t-talba.

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

• Raġunijiet għall-proposta u għanijiet tagħha

L-Artikolu 168 tad-Direttiva tal-VAT jipprevedi li persuna taxxabbli hija intitolata li tnaqqas il-VAT dovuta minn fuq ix-xiri li jsir għall-iskopijiet ta' tranżazzjonijiet intaxxati. L-Artikolu 168a(1) tad-Direttiva tal-VAT jistipula li l-VAT fuq in-nefqa relatat ma' proprjetà immobbli li tiffirma parti mill-assi kummerċjali ta' persuna taxxabbli u li tintuża kemm għal skopijiet kummerċjali u mhux kummerċjali, għandha tkun deduċibbli biss sal-proporzjon tal-użu tal-proprjetà għall-iskopijiet tan-negozju tal-persuna taxxabbli. Skont l-Artikolu 168a(2) tad-Direttiva tal-VAT, l-Istati Membri jistgħu japplikaw din ir-regola wkoll b'rabta man-nefqa relatata ma' merkanzija oħra li tiffirma parti mill-assi kummerċjali, skont dak li jispeċifikaw. L-Artikolu 26(1)(a) tal-istess Direttiva jeżiġi li l-użu ta' merkanzija li tiffirma parti mill-assi ta' negozju għall-użu privat, ikun provvista ta' servizzi li jitqiesu jekk il-VAT fuq il-merkanzija kienet eliġibbli għal tnaqqis. Din is-sistema tippermetti l-irkupru tal-VAT li tkun tnaqqset fil-bidu b'rabta mal-użu privat.

Fil-każ ta' karozzi tal-passiġġieri, huwa diffiċli li din is-sistema tiġi applikata, b'mod partikolari minħabba li huwa diffiċli li ssir distinzjoni ċara bejn l-użu privat u dak tan-negozju. Meta jinżammu r-reġistri, iż-żamma u l-verifika tagħhom iżidu piż addizzjonali fuq in-negozju kif ukoll fuq l-amministrazzjoni.

Skont l-Artikolu 395 tad-Direttiva tal-VAT, l-Istati Membri jistgħu japplikaw miżuri ta' deroga mid-dispożizzjonijiet tad-Direttiva tal-VAT sabiex jissimplifikaw il-proċedura għall-ġbir tal-VAT jew biex jipprevjenu ċerti forum ta' evażjoni jew ta' evitar tat-taxxa jekk ikunu ġew awtorizzati mill-Kunsill.

Il-Kroazja bħalissa hija awtorizzata abbażi tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2018/1994/UE² biex tillimita għal 50 % id-dritt ta' tnaqqis tal-VAT imħallsa fuq ix-xiri u l-

¹ ĠU L 347, 11.12.2006, p. 1.

² Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2018/1994 tal-11 ta' Diċembru 2018 li tawtorizza lill-Kroazja biex iddaħħal miżura speċjali ta' deroga mill-punt (a) tal-Artikolu 26(1) u l-Artikolu 168 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud, ĠU L 320, 17.12.2018, p. 35-36

kiri ta' karozzi tal-passiġġieri speċifikati, inkluż ix-xiri tal-merkanzija u s-servizzi kollha pprovduti b'rabta magħhom, meta dawk il-karozzi ma jintużawx kompletament għal skopijiet ta' negozju. Il-miżura speċjali teħles ukoll lill-persuni taxxabbli milli jkollhom jitrattaw l-użu mhux kummerċjali ta' tali karozzi tal-passiġġieri bħala provvista ta' servizzi. Il-karozzi tal-passiġġieri koperti minn din il-miżura huma vetturi bil-mutur intiżi għat-trasport tal-persuni b'massimu ta' tmien sitijiet minbarra s-sit tas-sewwieq. Jekk il-karozzi tal-passiġġieri jintużaw għal ċerti attivitajiet speċifiċi jiġu esklużi mir-restrizzjoni għad-dritt għal tnaqqis u huma ttrattati skont ir-regoli normali: Dan japplika għal vetturi użati għat-taħriġ ta' sewwieqa, ittestjar ta' vetturi, servizzi ta' tiswija, attività ekonomika li tinvolvi t-trasport ta' passiġġieri u merkanzija, it-trasport ta' persuni mejta jew kera, kif ukoll għal vetturi mixtrija għall-iskop ta' bejgħ mill-ġdid. Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2018/1994 hija valida sal-31 ta' Diċembru 2021.

It-talba preżenti mill-Kroazja biex tkompli testendi l-miżura speċjali hija bbażata fuq l-istess raġunijiet bħal dawk ippreżentati fit-talba preċedenti. Din it-talba hija akkumpanjata minn rapport li jinkludi rieżami tal-persentaġġ ta' limitazzjoni applikat fuq id-dritt għal tnaqqis, kif mitlub mill-Artikolu 6(3) tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2018/1994/UE. Il-Kroazja tqis li l-kundizzjonijiet għall-applikazzjoni tal-miżura speċjali jkomplu japplikaw u li l-limitu applikat bħalissa ta' tnaqqis ta' 50 % tal-VAT fuq ix-xiri jibqa' l-aktar xieraq.

Il-Kroazja spjegat li, abbażi tad-*data* pprovduta kemm mill-persuni taxxabbli kif ukoll mill-amministrazzjonijiet tat-taxxa, il-karozzi tal-passiġġieri li jiffurmaw parti mill-assi tan-negozju jibqgħu jintużaw għal skopijiet privati b'medja ta' 50 %. F'dan ir-rigward, il-Kroazja ppreżentat żewġ sħarriġiet imwettqa fil-bidu tal-2021 dwar l-użu tal-karozzi tal-passiġġieri użati għall-użu kummerċjali u privat, li jindika li l-iffissar tal-perċentwal tad-dritt għat-tnaqqis tat-taxxa tal-input għal 50 % għadu jidher realistiku.

Minħabba l-impatt pożittiv tal-miżura speċjali fuq il-piż amministrattiv kemm tal-kontribwenti kif ukoll tal-awtoritajiet tat-taxxa, qed jiġi propost li tiġi awtorizzata l-estensjoni tal-miżura ta' deroga attwali. Jenħtieġ li l-awtorizzazzjoni tkun valida għal perjodu limitat ieħor, jiġifieri sal-31 ta' Diċembru 2024, sabiex tkun tista' ssir reviżjoni tal-ħtieġa u l-effettività tal-miżura ta' deroga u r-rata ta' tqassim bejn l-użu kummerċjali u dak mhux kummerċjali li hija bbażata fuqu. Jenħtieġ li ma' kull talba ta' estensjoni jinhemeż rapport li jinkludi rieżami tal-perċentwal applikat u din it-talba jenħtieġ li tintbagħat lill-Kummissjoni sal-31 ta' Marzu 2024.

Peress li l-Kroazja, skont l-Artikolu 168a(2) tad-Direttiva tal-VAT, għażlet li tapplika l-Artikolu 168a(1) tad-Direttiva tal-VAT għal oġġetti ekonomiċi oħra li jiffurmaw parti mill-assi tan-negozju li mhumiex proprjetà immobbli, għandha tiġi inkluża referenza għall-Artikolu 168a ta' dik id-Direttiva, għal raġunijiet ta' completezza, fit-titolu u fl-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2018/1994.

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika**

Derogi simili b'rabta mad-dritt ta' tnaqqis ingħataw lil Stati Membri oħra (l-Estonja³, l-Ungerija⁴, il-Latvja⁵, il-Polonja⁶, l-Italja⁷ u r-Rumanija⁸).

³ Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2017/1854 tal-10 ta' Ottubru 2017 li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2014/797/UE li tawtorizza lir-Repubblika tal-Estonja biex tapplika miżura ta' deroga mill-punt (a) tal-Artikolu 26(1) u mill-Artikoli 168 u 168a tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 265, 14.10.2017, p. 17), valida sal-31 ta' Diċembru 2020.

⁴ Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2018/1493 tat-2 ta' Ottubru 2018 li tawtorizza lill-Ungerija biex iddaħħal miżura speċjali ta' deroga mill-punt (a) tal-Artikolu 26(1) u l-Artikoli 168 u

L-Artikolu 176 tad-Direttiva tal-VAT jistipula li l-Kunsill għandu jiddetermina n-nefqa li minnha ma tistax titnaqqas il-VAT. Sakemm dan iseħħ, jawtorizza lill-Istati Membri biex ikompli japplikaw l-esklużjonijiet, li kienu fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 1979. Għaldaqstant, hemm għadd ta' dispożizzjonijiet ta' waqfien totali ("stand still" provisions) li jirrestrinġu d-dritt ta' tnaqqis tal-VAT b'rabta mal-karozzi tal-passiġġieri.

Minkejja l-inizjattivi preċedenti biex jiġu stabbiliti regoli dwar liema kategoriji ta' nfiq jistgħu jkunu soġġetti għal restrizzjoni tad-dritt għal tnaqqis⁹, deroga bħal din hija xierqa sakemm jiġu armonizzati dawn ir-regoli fil-livell tal-UE.

2. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

• Bażi ġuridika

L-Artikolu 395 tad-Direttiva tal-VAT.

• Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)

Meta titqies id-dispożizzjoni tad-Direttiva tal-VAT li fuqha hija bbażata l-proposta, il-proposta hija fil-kompetenza esklużiva tal-Unjoni Ewropea. Il-prinċipju tas-sussidjarjetà ma japplikax.

• Proporzjonalità

Id-Deċiżjoni tikkonċerna awtorizzazzjoni mogħtija lil Stat Membru wara talba tiegħu stess u ma tikkostitwixxi l-ebda obbligu.

Minħabba l-ambitu limitat tad-deroga, il-miżura speċjali hija proporzjonata mal-għan li jrid jintlaħaq, jiġifieri s-simplifikazzjoni tal-proċedura tal-ġbir tat-taxxa u l-prevenzjoni ta' ċerti forom ta' evażjoni jew ta' evitar tat-taxxa. B'mod partikolari, meta jitqies il-potenzjal li n-negozji jonqsu milli jiddikjaraw bis-siġħ ir-responsabbiltajiet tagħhom u l-verifika skabruża tad-*data* dwar il-kilometraġġ lill-awtoritajiet tat-taxxa, ir-restrizzjoni ta' 50 % tissimplifika l-ġbir tal-VAT f'settur speċifiku.

• Għażla tal-istrument

L-istrument propost: Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill.

168a tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud, ĠU L 252, 8.10.2018, p. 44–46.

⁵ Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2018/1921 tal-4 ta' Diċembru 2018 li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2015/2429 li tawtorizza lil-Latvja biex iddaħħal miżura speċjali ta' deroga mill-punt (a) tal-Artikolu 26(1) u l-Artikoli 168 u 168a tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud, ĠU L 311, 7.12.2018, p. 36-37.

⁶ Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2019/1594 tal-24 ta' Settembru 2019 li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2013/805/UE li tawtorizza lir-Repubblika tal-Polonja biex tintroduċi miżuri li jidderogaw mill-punt (a) tal-Artikolu 26(1) u l-Artikolu 168 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud, ĠU L 248, 27.9.2019, p. 71–72.

⁷ Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2019/2138/UE tal-5 ta' Diċembru 2019 li temenda d-Deċiżjoni 2007/441/KE li tawtorizza lir-Repubblika Taljana sabiex tapplika miżuri ta' deroga mill-Artikoli 26(1)(a) u 168 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud, ĠU L 324, 13.12.2019, p. 7–8.

⁸ Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2020/1262 tal-4 ta' Settembru 2020 li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2012/232/UE li tawtorizza lir-Rumanija tapplika miżuri ta' deroga mill-Artikolu 26(1)(a) u mill-Artikolu 168 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud, ĠU L 296, 10.09.2020, p. 6.

⁹ COM (2004) 728 finali - Proposta għal Direttiva tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 77/388/KEE bl-għan li jiġu ssimplifikati l-obbligazzjonijiet tat-taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU C 24, 29.1.2005, p.10) irtirata fil-21 ta' Mejju 2014 (ĠU C 153 21. 05. 2014, p. 3)

Skont l-Artikolu 395 tad-Direttiva tal-VAT, tista' tingħata deroga mid-dispożizzjonijiet komuni tal-VAT biss bl-awtorizzazzjoni tal-Kunsill li jaġixxi b'mod unanimu fuq proposta tal-Kummissjoni. Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill hija l-iktar strument adattat peress li tista' tiġi indirizzata lil Stat Membru individwali.

3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET EX POST, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Din il-proposta hija bbażata fuq talba mill-Kroazja u tikkonċerna biss lil dan l-Istat Membru.

Ma kienx hemm hteieġa ta' għarfien espert estern.

- **Valutazzjoni tal-impatt**

Il-proposta għandha l-għan li tissimplifika l-proċedura għall-ġbir tat-taxxa billi tneħħi l-hteieġa li persuni taxxabli jżommu rekords dwar l-użu privat ta' karozzi tal-passiġġieri speċifikati, u fl-istess ħin, li jkun hemm prevenzjoni tal-evażjoni tat-taxxa minħabba li r-rekords ma jinżammux kif suppost. Għalhekk, hija għandha impatt potenzjalment pożittiv kemm għan-negozji kif ukoll għall-amministrazzjoni tat-taxxa. Il-Kroazja identifikat li din is-soluzzjoni hija miżura adattata u hija kompatibbli ma' derogi oħra tal-imgħoddi u tal-preżent.

4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Il-miżuri ta' deroga se jkollhom biss effett negliġibbli fuq l-ammont globali tad-dħul mit-taxxa miġbur fl-istadju tal-konsum finali u mhu se jkollhom l-ebda impatt negattiv fuq ir-riżorsi proprji tal-Unjoni li jakkumulaw mill-VAT.

5. ELEMENTI OĦRA

Il-proposta hija limitata biż-żmien u tinkludi klawżola ta' estinzjoni stabbilita sal-31 ta' Diċembru 2024.

F'każ li l-Kroazja tikkunsidra estensjoni oħra tal-miżura ta' deroga lil hinn mill-2024, jenħteieġ li jitressaq rapport lill-Kummissjoni li jinkludi rieżami tal-limitu tal-perċentwal flimkien mat-talba għal estensjoni sa mhux aktar tard mill-31 ta' Marzu 2024.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL

li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2018/1994 li tawtorizza lill-Kroazja biex iddaħħal miżura speċjali ta' deroga mill-punt (a) tal-Artikolu 26(1) u l-Artikolu 168 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra d-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud¹, u b'mod partikolari l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 395(1) tagħha,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) L-Artikoli 168 u 168a tad-Direttiva 2006/112/KE jstabilixxu d-dritt ta' persuna taxxabli li tnaqqas it-taxxa fuq il-valur miżjud (VAT) imposta fuq provvisti ta' merkanzija u ta' servizzi riċevuti minnha għall-iskopijiet tat-tranżazzjonijiet intaxxati tagħha. Il-punt (a) tal-Artikolu 26(1) ta' dik id-Direttiva fih rekwiżit li tiġi ddikjarata l-VAT meta assi ta' negozju jintuża għal finijiet privati ta' persuni taxxabli jew tal-persunal tagħhom jew, b'mod aktar ġenerali, għal finijiet oħra għajr dawk tan-negozju tagħhom.
- (2) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2018/1994² awtorizzat lill-Kroazja, sal-31 ta' Diċembru 2021, li tillimita għal 50 % id-dritt li tnaqqas il-VAT imħallsa fuq ix-xiri u l-kiri ta' karożżi tal-passiġġieri speċifikati b'massimu ta' tmien postijiet minbarra l-post tas-sewwieq, inkluż ix-xiri tal-oġġetti u s-servizzi kollha pprovduti b'rabta magħhom, meta dawk il-karożżi ma jintużawx kompletament għal skopijiet ta' negozju. L-awtorizzazzjoni teħles ukoll lill-persuni taxxabli milli jkollhom jittrattaw l-użu mhux kummerċjali ta' tali karożżi tal-passiġġieri bħala provvista ta' servizzi.
- (3) Permezz ta' ittra rreġistrata mal-Kummissjoni fil-31 ta' Marzu 2021, il-Kroazja talbet awtorizzazzjoni biex tkompli tapplika l-miżura speċjali li tidderoga mill-Artikolu 26(1), il-punt (a), u l-Artikolu 168 tad-Direttiva 2006/112/KE sabiex tillimita d-dritt ta' tnaqqis fir-rigward tan-nefqa fuq ċerti karożżi tal-passiġġieri li ma jintużawx biss għal skopijiet kummerċjali ("it-talba").
- (4) Il-Kroazja tapplika l-Artikolu 168a(1) tad-Direttiva 2006/112/KE fir-rigward tal-VAT fuq in-nefqa relatata ma' merkanzija ekonomika oħra li tiffurma parti mill-assi tan-negozju skont l-Artikolu 168a(2) ta' dik id-Direttiva. Għalhekk, id-Deċiżjoni ta'

¹ ĠU L 347, 11.12.2006, p. 1.

² Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2018/1994 tal-11 ta' Diċembru 2018 li tawtorizza lill-Kroazja biex iddaħħal miżura speċjali ta' deroga mill-punt (a) tal-Artikolu 26(1) u l-Artikolu 168 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud, ĠU L 320, 17.12.2018, p. 35-36

Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2018/1994 kellha tinkludi referenza għall-Artikolu 168a tad-Direttiva 2006/112/KE.

- (5) F'konformità mal-Artikolu 395(2), it-tieni subparagrafu, tad-Direttiva 2006/112/KE, permezz ta' ittra datata t-22 ta' April 2021, il-Kummissjoni għarrfet lill-Istati Membri l-oħrajn dwar it-talba li għamlet l-Awstrija. B'ittra datata t-23 ta' April 2021, il-Kummissjoni nnotifikat lill-Kroazja li hija kellha t-tagħrif kollu meqjus minnha bħala meħtieġ sabiex tivvaluta t-talba.
- (6) Kif meħtieġ mill-Artikolu 6(3) tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/1994, il-Kroazja ppreżentat rapport li jinkludi r-reviżjoni tal-perċentwal stabbilit għal-limitazzjoni tad-dritt għat-tnaqqis. Abbażi tal-informazzjoni disponibbli attwalment, il-Kroazja kkonfermat li l-limitu ta' 50 % għadu ġustifikabbli u għadu xieraq.
- (7) Minħabba l-impatt pożittiv tal-miżura speċjali fuq il-piż amministrattiv kemm tal-kontribwenti kif ukoll tal-awtoritajiet tat-taxxa, il-Kroazja għandha għalhekk tkun awtorizzata tkompli tapplika l-miżura speċjali. Jenħtieġ li l-estensjoni tal-miżuri speċjali jkollha limitu taż-żmien, sal-31 ta' Diċembru 2024, biex tkun tista' ssir evalwazzjoni tal-effettività tagħha u tal-perċentwal xieraq.
- (8) F'każ li l-Kroazja tqis li tkun meħtieġa estensjoni ulterjuri tal-miżura speċjali, jenħtieġ li tissottometti t-talba għal estensjoni akkumpanjata minn rapport li jinkludi rieżami tal-perċentwal applikat lill-Kummissjoni sal-31 ta' Marzu 2024.
- (9) Il-miżura speċjali se jkollha biss effett negliġibbli fuq l-ammont globali tad-dħul mit-taxxa miġbur fl-istadju tal-konsum finali u mhux se jkollha effett negattiv fuq ir-riżorsi proprji tal-Unjoni li jinġabru mit-taxxa fuq il-VAT.
- (10) Għaldaqstant, jenħtieġ li d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/1994 tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/1994 qiegħda tiġi emendata kif ġej:

(1) It-titolu huwa sostitwit b'dan li ġej:

“Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2018/1994 tal-11 ta' Diċembru 2018 li tawtorizza lill-Kroazja biex iddaħħal miżura speċjali ta' deroga mill-punt (a) tal-Artikolu 26(1) u l-Artikoli 168 u 168a tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud”;

(2) L-Artikolu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“Artikolu 1

B'deroga mill-Artikoli 168 u 168a tad-Direttiva 2006/112/KE, il-Kroazja hija awtorizzata tillimita d-dritt ta' tnaqqis tat-taxxa fuq il-valur miżjud (il-VAT) għal 50 % b'rabta man-nefqa fuq il-karozzi tal-passiġġieri li ma jintużawx biss għal skopijiet kummerċjali.”;

(3) L-Artikolu 6 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“Artikolu 6

Id-Deċiżjoni tapplika mill-1 ta' Jannar 2019 sal-31 ta' Diċembru 2024.

Kull talba għall-estensjoni tal-awtorizzazzjoni prevista f'din id-Deċiżjoni għandha titressaq lill-Kummissjoni sal-31 ta' Marzu 2024 u għandha tkun akkumpanjata minn rapport li jinkludi rieżami tal-perċentwal stabbilit fl-Artikolu 1.”.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika tal-Kroazja.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill
Il-President*